MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2008

Numru 7/2006

Charles u Mary Rose konjugi Camilleri.

Vs

Maria Concetta Polidano.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi qedin jitolbu illi l-konvenuta tigi kkundannata thallashom is-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100), rapprezentanti hlas ghal tiswijiet mehtiega fil-fond Garage numru 6, Triq Schreiber, Paola, liema hsarat gew kagunati minn '*leakage*' u skular ta' ilma fil-proprjeta' tal-konvenuta, sovraposta l-garaxx proprjeta' tal-atturi.

Ra r-Risposta tal-konvenuta li eccepiet illi i. t-talbiet attrici huma preskritti bil-preskrizzjoni tas-sentejn, skond l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili; ii. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Sema' x-xhieda ta' Raymond Azzopardi prodott mill-konvenuta.

Sema' x-xhieda ta' Rina Pace prodotta mill-konvenuta.

Sema' x-xhieda tal-konvenuta Maria Concetta Polidano.

Sema' x-xhieda ta' l-attur Charles Camilleri.

Sema' x-xhieda ta' Noel Bray prodott mill-attur.

Ra s-sentenza in parte ta' dan it-Tribunal kif diversament presjedut tal-15 ta' Mejju 2006, fejn giet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta dwar il-preskrizzjoni.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi peress li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta dwar il-preskrizzjoni giet sorvolata permezz ta' sentenza tal-15 ta' Mejju 2006, jonqos biss li dan it-Tribunal jiddeciedi dwar it-talba attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni tal-konvenuta fil-mertu.

Illi jirrizulta li l-konvenuta tokkupa l-fond sovrastanti ghall-garaxx proprjeta' tal-atturi. Jirrizulta wkoll bla ebda dubbju li f'xi zmien il-konvenuta kellha xi '*leakage'* f'wahda mill-katusi tal-facilitajiet sanitarji taghha, li minnu kien qieghed johrog l-ilma li kien qieghed ixarrab is-saqaf tal-garaxx tal-atturi.

Dan kollu gie ammess kemm mill-konvenuta kif ukoll mill-haddiem taghha stess, Raymond Azzopardi, li kkonferma li kien hu li mar jara l-hsarat tal-konvenuta u kien hu wkoll li kien ghamel it-tiswijiet fil-fond tal-konvenuta. L-istess xhud qal illi sabiex jikkostata minn fejn kien gej dan il-'*leakage'* kien dahal fil-garaxx tal-atturi, u hemmhekk kien

ra roqgha mxarrba fis-saqaf tal-istess garaxx. Huwa ma kienx ghamel xi xogholijiet fis-saqaf tal-atturi, izda kien biss irranga l-problema tal-‘*leakage*’ tal-konvenuta.

Jidher illi wara li saru t-tiswijiet necessarji fil-fond tal-konvenuta, fis-sens illi twaqqaf il-‘*leakage*’, l-atturi kienu mohhom mistrieh li l-problema kellha tieqaf hemm, u ghalhekk l-attur stess, minghajr ma kabbar il-problema, kien farfar is-saqaf u bajjad mill-gdid fejn kienet tinsab ir-roqgha mxarba. Ta’ dan ix-xoghol huwa ma kienx talab xi hlas minghand il-konvenuta.

Jirrizulta pero’ li tant kien nizel ilma fis-saqaf tal-atturi, illi effettivament il-problema ma kenitx waqfet hemm. Maz-zmien, ir-roqgha kienet baqghet tidher, u is-saqaf kien baqa mxarrab. Oltre dan, ix-xibka kienet bdiet tespandi b’konsegwenza illi beda jfaqqa l-konkos ta’ tahtha, liema konkos beda jitkisser u jaqa ma l-art.

Illi huwa minnu li dan kollu gara anki snin wara li l-konvenuta kienet ghamlet it-tiswijiet taghha, izda dan ma jfisser xejn ghaliex huwa ghal kollox normali li wara li jkun dahal l-ilma fis-saqaf, l-effetti, u cioe l-konsegwenzi ta’ dan johorgu ferm wara.

Fil-fatt, meta l-attur ra dawn il-hsarat jizviluppaw fis-saqaf tieghu, beda jipprova javza l-konvenuta b’dan, u meta fl-ahhar rnexxilu jkellimha kien avzaha li kellu jgib lill xi hadd professjonali sabiex jaghmel it-tiswijiet, peress li dawn ma kienux ta’ jdejh.

Illi x-xhud Noel Bray mqabbad mill-attur sabiex jiehu hsieb it-tiswijiet tal-hsarat fis-saqaf, spjega pass pass x’kien ghamel sabiex il-problema fis-saqaf tal-attur giet solvuta. Huwa spjega wkoll illi ta’ dan ix-xoghol kien talab is-somma ta’ Lm100 u kien thallas mill-attur. L-attur minn-naha tieghu talab li jithallas dan l-ammont minghand il-konvenuta, peress illi wara kollox kien tort taghha li kellu jbaghti dawn l-ispejjes, izda din baqghet inadempjenti.

Illi tenut kont ta’ dan kollu, t-Tribunal jidhirlu li ma hemm l-ebda dubju li l-hsarat li garrbu l-atturi fis-saqaf tal-garaxx

taghhom graw b'konsegwenza diretta tal-'*leakage*' li kellha l-konvenuta fil-fond taghha, u ghalhekk tibqa dejjem hi responsabbli ghad-danni kagunati lill-fond sottostanti. Il-fatt li ghall-ewwel l-attur kienipprova jirranga hu stess billi kahhal u bajjad minghajr ma gab persuna professjonali, bl-ebda mod ma jippregudika l-pozizzjoni tal-atturi, ghaliex fl-ewwel lok, l-atturi ma setghux ikunu jafu l-gravita' tal-hsarat peress illi dawn hargu wara maz-zmien meta x-xibka bdiet tespandi, u fit-tieni lok, meta eventwalment hargu d-danni u l-konkos beda jfaqqa u jaqa, dan bl-ebda mod ma gara minhabba l-fatt illi l-attur kien ghamel it-tiswijiet originali hu stess.

Illi ghalhekk, damu kemm damu sabiex johorgu d-danni fis-saqaf, dejjem jibqghu danni li graw b'konsegwenza diretta tal-hsarat li kellha l-konvenuta fil-fond taghha, u dejjem tibqa' hi unikament responsabbli ghalihom, u ghall-ispejjes involuti fit-tiswija taghhom.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta, jilqa t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba u disghin centezmu (€232.94), ekwivalenti ghal Lm100. L-ispejjes kollha tal-kawza ghanhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------